# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 5 ta' Mejju, 2016**

**Kawża Nru 12**

**Rik. Nru. 446/15JRM**

Catherine **GRECH**

vs

Antonella **CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Mejju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attrici talbet li din il-Qorti (a) tagħti lill-imħarrka żmien qasir u perentorju biex iġġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet li hija għamlet b'ittra uffiċjali tal-20 ta' April, 2015, kontra l-istess attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-serviġi li l-imħarrka tgħid li tat lil omm l-istess attriċi; u (b) li f'każ li l-imħarrka tonqos li tagħmel dan fiż-żmien lilha mogħti, tikkundannaha għas-skiet għal dejjem, u jiġifieri żżommha milli terġa' 'l quddiem tqajjem kontriha l-istess pretensjonijiet. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-attrici dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2015, li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni saret qabel waqtha billi l-attriċi fetħet il-kawża f'anqas minn ħmistax-il jum wara li kienet laqgħet in-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta lilha mill-eċċipjenti. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija għandha kull interess li tmexxi 'l quddiem il-proċeduri meħtieġa biex tħares l-interess tagħha u għalhekk kull nefqa marbuta ma' din il-kawża għandha terfagħha l-istess attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi bix-xhieda tagħha b'affidavit;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015, li bih ordnat li qabel xejn ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrka waqt is-smigħ tal-25 ta' Novembru, 2015[2], li bih irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2016, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija kawża ta' jattanza. L-attriċi tgħid li ġarrbet millantazzjoni mill-imħarrka li, b'ittra uffiċjali, ressqet pretensjonijiet kontriha. Billi hija trid teħles mill-imsemmija millantazzjoni, talbet li l-Qorti tordna lill-imħarrka tfittex tiftaħ kawża dwar dawk il-pretensjonijiet fiż-żmien li jogħġobha tagħtiha l-Qorti, jew inkella tagħlaq ħalqha darba għal dejjem dwarhom;

[1] Pagg 7 – 8 tal-process
[2] Paġ. 17 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet billi qalet li l-azzjoni nbdiet qabel waqtha u li, f'kull każ, hija ttenni l-jedd tagħha li tieħu kull pass meħtieġ dwar l-imsemmija pretensjonijiet tagħha kontra l-attriċi. Għalhekk, ma għandhiex tbati l-ispejjeż;

Illi bħala fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attrici hija oħt l-għarus tal-imħarrka[3]. Giovanna Buġeja, omm l-attriċi, mietet fl-14 ta' Awwissu tal-2010[4] u ħu l-attriċi baqa' jgħix fid-dar li fiha kienet toqgħod ommhom qabel mietet u li kien ilu jgħix fiha għal bosta snin[5];

Illi, għalkemm bejn l-attriċi u ħuha kienu għaddejjin taħditiet dwar il-wirt, f'xi żmien bikri fl-2015, l-attriċi bagħtitlu ittra uffiċjali biex jirregola ruħu dwar id-dritt tiegħu għall-abitazzjoni fl-imsemmija dar u biex sadattant jagħti garanzija u jagħmel inventarju skond il-liġi[6];

Illi fl-20 ta' April, 2015[7], l-imħarrka bagħtet ittra uffiċjali lill-attriċi biex titlobha tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens għas-serviġi mogħtija lil omm l-attriċi, u xlietha li kienet twarrbet minn ommha u li saħansitra kienet irrifjutat li tmur iżżurha fiż-żmien ta' qabel ma mietet;

Illi l-attriċi qabbdet avukat biex iwieġeb għall-imsemmija ittra uffiċjali billi b'ittra tal-4 ta' Mejju, 2015, talbitha tirtira l-pretensjoni fi żmien ħamest (5) ijiem jew, fin-nuqqas, tiftħilha kawża ta' jattanza;

Illi fit-13 ta' Mejju, 2015, l-attriċi fetħet din il-kawza;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-kawża, joħroġ ċar li l-azzjoni tal-attriċi tintrabat mal-fatt li l-imħarrka bagħtitilha talba f'ittra uffiċjali biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens għal serviġi li allegatament saru ma' omm l-attriċi fl-aħħar żminijiet qabel mewtha fl-2010;

Illi f'azzjoni ta' din l-għamla, il-Qorti mhix tenuta tidħol fil-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet għaliex dak l-eżerċizzju jixraq li jsir mill-Qorti li quddiemha tkun infetħet il-kawża li tista' tiġi ordnata bi provvediment f'kawża ta' jattanza bħalma hija din[8]. Fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha u li hija ta' natura preventiva, l-attriċi trid li l-imħarrka bla tnikkir tressaq il-pretensjoni tagħha ta' jedd għall-ħlas ta' kumpens għas-

[3] Affidavit tagħha f'paġ. 23 tal-proċess
[4] Affidavit ta' Lourdes Borġ f'paġ. 25 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Patrick Buġeja f'paġ. 27 tal-proċess
[6] Affidavit tal-attriċi f'paġ. 15 tal-proċess
[7] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[8] P.A. AJM **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Ġenerali noe et vs Avukat Dr Hugh Peralta noe et*** (*in parte*)

serviġi permezz ta' kawża meħtieġa biex il-Qorti li quddiemha titressaq dik it-talba tiddeċiedi fuq dak id-dritt[9];

Illi huwa mgħallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jeħtieġ jirriżulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra tagħha tkun saret il-pretensjoni tkun fil-pussess tal-ħaġa li jrid jikkawtela, li l-pretensjoni tkun waħda spontanja u mhux provokata, u tkun waħda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawża fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jseħħ jew jista' ma jseħħx[10]. Biex jista' jingħad li pretensjoni tkun waħda spontanja, irid jirriżulta li din ma tkunx ir-riżultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fetħet il-kawża tal-jattanza[11]. Fuq kollox, l-azzjoni ta' jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinżammu 'l quddiem, jeħtieġu azzjoni fil-Qrati;

Illi għalhekk l-artikolu 403 tal-Kodiċi jrid jingħata tifsira dejqa minħabba li l-azzjoni tal-jattanza għandha l-għan li ġġib fuq il-parti li tagħmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet għal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex jixraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li r-regoli magħmula mil-leġislatur fid-diversi dispożizzjonijiet li jmexxu dawn il-proċeduri speċjali għandhom dejjem jitqiesu bħala partikolari għalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[12] jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...*a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.*"[13] Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;

Illi, kif ingħad aktar qabel, fost l-elementi meħtiega sabiex kawża ta' din in-natura tirnexxi, il-pretensjoni għandu jkollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja[14], u għaldaqstant ma tolqotx dawk il-każijiet ta' pretensjonijiet fejn, min jagħmilhom, ma jeħtieġ ebda azzjoni ġudizzjarja biex iġibhom 'il quddiem għaliex ikunu diġa' għandu bi tgawdija jew pussess[15];

---

[9] P.A. **13.2.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Francalanza***, (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.201**)
[10] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et*** (mhix appellata)
[11] Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli*** (mhix appellata)
[12] *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1456
[13] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. **13.12.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Francia*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.332**)
[14] Għal elenku tal-prinċipji neċessarji, ara fost oħrajn P.A. **31.5.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Cost Chretien*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.287**) u P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Darmanin & Co Limited vs Maltacom p.l.c. ġja Korporazzjoni Telemalta*** (mhix appellata)
[15] P.A. GCD **4.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. Joseph Bonnet*** (mhix appellata)

Illi b'żieda ma' dan, jidher li hemm rabta bejn l-azzjoni tal-jattanza u l-istitut tal-preskrizzjoni[16] u safejn wieħed jista' għandhom jitfissru b'mod konsistenti ma' xulxin ġaladarba kemm il-preskrizzjoni u kif ukoll l-azzjoni tal-millantazzjoni jistgħu jitqiesu bħala mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni fejn il-pretendent tal-kreditu ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għaż-żmien li tagħtih il-liġi taħt dawn iż-żewġ istituti[17];

Illi l-Qorti ssib li f'dan il-każ l-attriċi kienet mexxiet pretensjoni kontra ħuha. L-imħarrka tqis li l-ittra uffiċjali li bagħtet lill-attriċi kienet bħala 'reazzjoni' għal dawk il-pretensjonijiet. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument. L-attriċi mexxiet il-pretensjonijiet kontra ħuha, u għalkemm l-imħarrka hija s-sieħba ta' ħu l-attriċi, il-pretensjonijiet li l-attriċi għamlet lil ħuha ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-imħarrka (għalkemm, indirettament, jistgħu jinteressawha bħala s-sieħba ta' ħu l-attriċi). Fit-tieni lok, l-imħarrka tgħid li hija għadha tisħaq fuq dawk il-pretensjonijiet u dan lil hinn minn dak li l-attriċi tippretendi mingħand ħuha. Fit-tielet lok, f'azzjoni bħal din, il-pretensjoni ma tridx tkun il-frott ta' provokazzjoni mill-parti l-oħra[18]. Għall-finijiet ta' din l-għamla ta' azzjoni, il-'provokazzjoni' tfissret bħala "*att li jixpruna rejazzjoni u l-att provokattiv mhux neċessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-aġent ikun l-istatus quo u l-parti l-oħra tiġi għalhekk kostretta tikkontesta*"[19]. Dan għaliex mhuwiex mogħti lil xi parti li titħalla tikseb "vantaġġ strateġiku"[20] biex iġġiegħel lill-parti l-oħra sseffaq wiċċha ma' kawża li l-parti 'provokatriċi' ma tkunx ħerqana li tiftaħ hija nnifisha;

Illi mill-bqija u minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, jidher li jirriżultaw ukoll l-elementi l-oħrajn kollha li l-liġi tistenna minn azzjoni bħal din tal-lum. Il-pretensjoni tal-imħarrka saret b'att ġudizzjarju u bil-miktub; l-attriċi tinsab fil-pussess tal-patrimonju tagħha u trid tħarsu mill-pretensjoni tal-imħarrka; il-pretensjoni tal-imħarrka hija waħda minn dawk li tista' tintalab b'azzjoni ġudizzjarja; u lanqas hija kondizzjonata minn fatt li għadu jista' jiġri jew ma jiġrix. Fi kliem ieħor, ma hemm xejn x'iżomm lill-imħarrka (issa li taf li l-attriċi mhix taċċetta l-pretensjoni) milli titnikker aktar biex tiftaħ kawża jekk kemm-il darba hija tassew għadha tippretendi li jmissha titħallas kumpens għas-serviġi li tgħid li wettqet ma' omm l-attriċi;

Illi dwar dan l-aħħar element, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-għaref difensur tal-imħarrka nnifisha issottomettiet li l-patroċinata "ma għandha

[16] B'eżempju, wieħed iqabbel l-art 403(1) tal-Kap 12 mal-art. 2107(1) tal-Kap 16
[17] Ara P.A. LM **24.3.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri & Sons Ltd vs Carmelo Abdilla & Sons Ltd*** (*in parte*)
[18] App. Ċiv. **25.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pickard vs Grace Anderson***
[19] App. Ċiv. **28.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Aġius et vs Joseph Meilaq et***
[20] P.A. JA **6.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Madliena Developments Ltd vs Uffiċċju Konġunt***

l-ebda esitazzjoni” li ssegwi l-pretensjoni magħmula fl-ittra uffiċjali tagħha b’kawża dwarha kontra l-attriċi. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li ħu l-attriċi fetaħ kawża għal serviġi (li huwa jgħid li għamel mal-ġenituri tagħhom) kontra l-attriċi f’Ottubru tal-2015[21], iżda l-imħarrka ma jidhirx li għadha mexxiet bl-istess mod dwar il-pretensjoni tagħha kontra l-attriċi;

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrka tassew wettqet millantazzjoni fil-konfront tal-attriċi bil-pretensjonijiet li hija għamlet fl-ittra uffiċjali tagħha tal-20 ta’ April, 2015 u li hija għandha jedd li teħles minn tali millantazzjoni jekk kemm-il darba l-imħarrka ma ġġibx ’il quddiem l-azzjoni ġudizzjarja meħtieġa;

Għall-finijiet tal-artikoli 401(1) u 408 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, qiegħda **tordna lill-imħarrka sabiex tressaq il-pretensjonijiet f’kawża** sa mhux aktar tard minn erbgħin (40) jum mil-lum; u

**Tħalli l-kawża** għas-smigħ ta’ nhar it-Tlieta, 5 ta’ Lulju, 2016, fid-disgħa ta’ filgħodu, għall-informazzjoni ulterjuri u jekk ikun il- każ għall-provvedimenti meħtieġa fir-rigward.

**Spejjeż riżervati.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**5 ta’ Mejju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**
**5 ta’ Mejju, 2016**

---
[21] Avviż. Nru. 310/15FDP